**Qorti tal-Appell Kriminali**

**Onor. Imħallef Consuelo Scerri Herrera, LL.D., Dip Matr., (Can)**

**Appell Nru: 121 / 2023**

**Il-Pulizja**

**Vs**

**Steve Cordina**

Illum 25 ta' Mejju, 2023,

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellanti, Steve Cordina detenur tal-karta tal-identita Maltija 428303 L, akkuzat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali:

Talli nhar it-8 t' April, 2022, ghall-habta ta' bejn 19:00 hrs u 20:00 Hrs waqt li kont gewwa Triq, Kalcidon Agius ma Vjal il-21 ta' Settembru, Naxxar.

1. Volontarjament ksirt il-paci pubbliku jew il-bon ordni b'għajjat u/jew glied;

2. Aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi ingurjajt jew heddidt lil PC 2094 jew ghamilt offiza fuq l-persuna ta' PC2094, persuna nkarigata skond il-ligi minn servizz pubbliku, waqt li kien qed jaghmel jew minhabba li jkun

ghamel dan is- servizz, jew bil-hsieb li tbezzghu jew li tinfluwixxi fuqu kontra l-ligi fl- esekuzzjoni ta' dak is-servizz.

3. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi nqast li tobdi l-ordnijiet legittimi moghtija lilek minn PC2094, Ufficjal Pubbliku waqt li kien qed jaqdi d-doveri tieghu jew ma hallejtux jaqdi, jew fixxkilltu jew indahaltlu waqt il-qadi ta' dmirijietu.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali ta' nhar is-7 ta' Marzu, 2023, fejn il-Qorti wara li rat l-artikoli 338(4), Art 95(1) u Art 338(ee) tal-Kap 9 Kodici Kriminali tal-Ligijiet ta' Malta kkundanat lill-imputat komplessivament multa ta' elf u mitejn (1,200).

Rat ir-rikors tal-appell tal-appellant Steve Cordina, prezentat fir-registru ta' din l-Onorabbli Qorti nhar it-22 ta' Marzu, 2023, fejn lil din l-Onorabbli Qorti joghgobha tilqa dan l-appell u tilqa' l-ewwel zewg aggravji u tannulla s-sentenza appellata u b' hekk tirrimanda l-atti lill-Ewwel Qorti sabiex tinghata sentenza skond il-ligi, jew alternattivament tirriforma s-sentenza appellata billi tikkonferma biss s-sejbien ta' htija tal-ewwel u t-tielet imputazzjoni [presumibilment], filwaqt li thassara fil-bqija u tvarja l-piena nflitta skond il-kaz.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellati.

Rat l-atti kollha tal-kaz.

Rat l-aggravji tal-appellant Steve Cordina li huma cari u manifesti u jikkonsistu fis-segwenti, u cioe:

1. Illi s-sentenza appellata hija nulla il-ghaliex minkejja li fis-sentenza appellata hemm dikjarat li l-imputat irregistra ammissjoni presumibilment ghall-imputazzjonijiet kollha, in effetti dan ma' kienx il-kaz il-ghaliex l-esponent kien biss ammetta ghall- ewwel u t-tielet imputazzjoni izda mhux ghat-tieni wahda. In effetti il-kawza fil-fatt kienet għaddiet ghas-smiegh tal-provi propju ghaliex kien hemm kontestazzjoni dwar it- tielet talba li addiritura saret trattazzjoni orali finali dwarha. F' dan il-kuntest l-esponent jirriserva l-jressaq il-prova li anki dak indikati fl-istess sentenza fejn jinghad illi fis- seduta 19 ta' Ottubru, 2022 huwa inghata t-twissija hemm indikata ma' huwiex minnu peress illi dan ma′ gara qatt propju ghaliex l-ammissjoni tieghu kienet limitata ghall- ewwel u t-tielet imputazzjoni biss kif inghad u għalhekk il-kawza tabilhaqq hadet il-kors shih taghha.

2. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, is-sentenza appellata hija manifestament nulla wkoll għaliex fid-decide taghha minkejja li qed timponi l-piena tal-multa, imkien ma' hemm dikjarazzjoni ta' htija u wisq inqas ma' jissemma tal-liema imputazzjonijiet huwa kien qed jigi dikjarat hati.

3. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost l-esponent qatt ma′ setgha legalment u ragonevolment jinsab hati tat-tieni imputazzjoni u dan kif ser jirrizulta waqt it-trattazzjoni tal-appell odjern.

4. Illi f' kull kaz u minghajr pregudizzju il-peina erogata kienet wahda eccessiva.

Rat l-atti tal-kawza u appuntu dak li gie verbalizzat fis-seduta tal-11 ta′ Mejju, quddiem din l-Onorabbli Qorti fejn Dr. Camilleri Azarov ghall-Avukat Generali iddikjara li l-appellant qua imputat kien irregistra ammissjoni limitatament ghall-ewwel u ghat-tielet akkuza biss skond informazzjoni moghtija lilu mill-Ispettur Ritianne Gauci u in oltre huwa minnu wkoll li l-Qorti ma tat l-ebda twissija lill-appellant qua imputat f′dik is-seduta meta huwa kien irregistra ammissjoni ghal dak iz-zewg akkuzi gja imsemmija.

Rat ukoll li l-partijiet ftiehmu li din il-Qorti ghandha tghaddi biex taghti sentenza fuq l-aggravju mressaq mill-appellant dwar in-nulita tas-sentenza.

**Ikkunsidrat,**

Ghalhekk qabel xejn din il-Qorti trid tara jekk dak sollevat mid-difiza u cioe' li s-sentenza appellata hiex verament nulla in vista ta' dak allegat u cioe' li hija karenti fir-rekwiziti mehtiega ab nullitatem ta' sentenza valida fit-termini tal-artikolu 382 tal-Kodici Kriminali. Jinghad korrettement li l-Ewwel Qorti naqset milli tosserva r-rekwiziti msemmija f'dan l-artikolu stante li naqset milli tiddikjara lill-appellat hati tal-imputazzjonijiet dedotti kontra tieghu qabel ma ghaddiet biex teroga piena minghajr din id-dikjarazzjoni.

Illi jinghad li l-Ewwel Qorti ma setghetx tikkonkludi li kien hemm ammissjoni tal-appellant ghall-akkuzi kollha meta fil-fatt huwa xtaq jirregistra ammissjoni ghal-zewg akkuzi u cioe' l-ewwel u t-tielet. Semmai jekk kienet qed issibu hati tat-tieni akkuza ukoll kellha tghid hekk fil-konkluzjoni taghha u cioe' li kienet qed issib htija fuq l-ewwel u it-tielet akkuza fuq ammissjoni tal-appellant qua imputat u fuq it-tieni akkuzat stante li wara li semghet il-provi tali akkuza giet provata. In oltre ma tistax il-Qorti tiddeta fil-verbal li hija tat it-twissija lill-appellant qua mputat meta fil-fatt tali twissija ma nghatatx.

Kif ikkunsidrat fis-sentenza fl-ismijiet **<u>'Il-Pulizija (Spt. Pierre Micallef Grimaud) Vs Joseph Agius'</u>**[1]:

> '*Minn ezami akkurat tal-parti konklussiva tas-sentenza l- Qorti ssib illi wara li l-Ewwel Qorti ghaddiet biex issemmi l- artikoli ghaddiet mill-ewwel biex tikkundanna lill-appellant, minghajr ma ddikjaratu hati tal-akkuzi illi gew dedotti kontra tieghu.*

[1] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar il-15 ta' Marzu, 2012 (Appell Kriminali Numru. 171/2011)

*L-artikolu 382 tal-Kap. 9 jghid testwalment illi meta l-Qorti taghti sentenza kontra imputat ghandha tghid l-fatti li taghhom dan ikun gie misjub hati, taghti l-piena u ssemmi l-artikolu ta' dan il-Kodici jew ta' kull ligi li tkun tikkontempla r-reat.*

*Ovvjament la l-Qorti hija marbuta illi taghti l-fatti li taghhom l-appellant ikun gie misjub hati, tfisser illi ghandu jkun hemm id-dikjarazzjoni ta' htija ghax altrimenti huwa inutili li ssemmi l-fatti. In-nuqqas ta' dikjarazzjoni ta' htija twassal ghal nuqqas ta' formalita` sostanzjali bhal ma wkoll hija suggetta ghall-istess censura n-nuqqas ta' dikjarazzjoni ta' x'hix l-akkuzat qed jinstab hati.* ( vide ukoll **Il-Pulizija vs George Xuereb**[2] **u il-pulizija vs Alxander Joseph Micallef**[3])

Fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Emanuel Azzoparti et**[4] il-Qorti irriteniet li:-

*"Skont ġurisprudenza paċifika tal-Qorti tal-Appell Kriminali, l-inosservanza ta' xi wieħed ir-rekwiżiti tal-artikolu 382 tal-Kodiċi Kriminali jammonta għal nuqqas ta' formalita' sostanzjali fis-sens tal-artikolu 428(3) tal-imsemmi Kodiċi, bil-konsegwenti nullita' tas-sentenza jew ta' parti minnha skont il-każ. Tali nullita' hija sollevabbli 'ex ufficio'".*

Jinghad ukoll li fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Mario Agius**,[5] gie ritenuto li:-

*"in-nuqqas ta' osservanza ta' dak li hemm provdut fl-artikolu 382 tal-Kodici Kriminali jammonta ghan-nuqqas ta' formalita` sostanzjali".*

---

[2] Deciza fis-17 ta Settembru 2019 mill-Qorti tal-Appelli Kriminali
[3] Deciz mill-Qorti tal Appelli Kriminali fis-16 ta' Mejju 2019
[4] Vol.LXXXIII.1999 Part IV paġina 340
[5] Deciz mill-Qorti tal Appelli Kriminali fit-3 ta Frar 1995

Dawn ir-rekwiziti huma alternattivi ghal xulxin u ghalhekk u sabiex sentenza tigi dikajrata nulla mhemmx lok li jkun hemm nuqqas f'kull rekwizit izda jekk jirrizulta li emm nuqqas f'wiehed minn dawn ir-rekwiziti dan ikun bizzejjed sabiex is-sentenza tigi ddikajrata nulla. Ghalhekk peress li dawn iz-zewg rekwiziti imsemmija fl-artikolu 382 ghandhom ikun prezenti f'kull decizjoni tal-Qorti, n-nuqqas ta' wahda minnhom, jammonta ghan-nuqqas ta' formalita' fis-sustanza u konsegwentement iwassal ghan-nullita tas-sentenza.

Ghalhekk peress illi l-ewwel sentenza hija karenti minn dawn l-elementi din il-Qorti m'ghandhiex triq ohra hlief illi tilqa` dan l-aggravju, tiddikjara s-sentenza ta' l-Ewwel Qorti nulla u bla effett u tordna illi l-atti jigu rimandati lill-Ewwel Qorti sabiex tinghata sentenza.

L-**artikolu 382 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta** jirrikjedi li l-Qorti fis-sentenza ssemmi l-fatti li dan ikun instab hati u ghalhekk issemmi specifikament l-imputazzjonijiet li taghhom tkun qieghda ssib htija, dan normalment isir billi l-Qorti taghmel referenza ghall-akkuzi numerikament, taghti l-piena u tindika l-artikoli li jikkontemplaw ir-reat. Ghalhekk din il-Qorti qieghda tqis in-nuqqas li l-Qorti fil-parti dispostittiva tas-sentenza issemmi l-akkuzi li taghhom kienet qieghda ssib htija, bhala li wkoll igib in-nullita tas-sentenza appellata[6].

Illi fil-kaz in desamina jidher bic-car li fil-parti dispozittiva taghha ma hemmx dikjarazzjoni ta' htija dwar ir-reati li qed issibu hati taghhom hemm biss kundanna ghal multa ta disgha mitt euro (€1200) u ghalhekk ir rekwizit rikejst *sine qua non* skond l-artikolu 382 u cioe' d-dikjarazzjoni ta' htija u li l-artikoli tal-ligi li a bazi taghhom instabet il-htija huma nieqsa ma jhallu l-ebda triq ohra f'idejn din il-Qorti kif preseduta li tannulla is-sentnza moghtija mill-Ewwel Qorti.

[6] Enfasi ta din l-Onorabbli Qorti

Ghal dawn il-motivi, din il-Qorti qieghda tannulla s-sentenza appellata u wara li rat l-artikolu 428(3) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta tordna li l-kaz jigi trattat mill-gdid fil-mertu u l-aggravji tal-appellant jigu kkunsidrati bhala sottomissjonijiet in difeza.

**Consuelo-Pilar Scerri Herrera**

**Imhallef**

**Vera kopja**

**Adrian Micallef**

**Deputat Registratur**